**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**
**John Galea ta' 16 il-sena iben Anthony u Adelina xebba Saliba li joqghod 'Galea House', Triq Dun Grezz Farrugia, Xewkija, Ghawdex.**

Illum 24 ta' Jannar 2001.

Il-Qorti rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fi Triq il-Qbajjar, Marsalforn ghall-habta ta' nofs il-lejl ta' bejn l-24 u il-25 ta' Settembru 2000 saq vettura Austin Mini Nru LAR 683 minghajr licenzja tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u ghalhekk jigi wkoll li ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni ghar-riskji ta' terzi persuni. F'kaz ta' htija l-Qorti hija gentilment mitluba li tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan meta jkun fl-eta li jista' jkollu licenzja.

Semghet l-ammissjoni;

Fuq ammissjoni ssibu hati;

Rat l-artikoli 15 tal-Kap 65 u 3 tal-Kap 104;

Bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 31 tal-Kap 9;

Tikkundannah ghal hlas ta' ammenda ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25);

Tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sena minn meta jghalaq it-tmintax-il sena.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur